MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2013

Rikors Numru. 1109/2013

**Fl-Atti tal-Kawza Rik. Gur. 391/2013/LSO**

**Wara l-Mandat ta' Qbid numru 502/2013 mahrug nhar it-3 ta' April 2013 fl-ismijiet:**

**Marquita Sheheain Azzopardi (K.I.441377M)**

**vs**

**W.Gees Chemicals Limited (C12057).**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors imressaq mis-socjeta` rikorrenti W. Gees Chemicals Limited fis-16 ta' Novembru 2013 li bih, ghar-ragunijiet hemm imsemmija, talbet li din il-Qorti, fit-termini **tal-artikolu 836(1)(f)** tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta tirrevoka *in toto,* jew subordinatament in parti, il-Mandat ta' Qbid numru 502/2013 mahrug fl-ismijiet **"Marquita Shehain Azzopardi (K.I.441377M) vs W.Gees Chemicals Limited (C12057)"** kontra l-istess socjeta` ezekutata minn Marquita Shehain Azzopardi, kif ukoll sabiex tiddikjara li t-talba ghall-hrug ta' dan il-mandat hija malizzjuza, frivola u vessatorja u tikkundanna lir-rikorrenti ezekutanti sabiex thallas penali skont il-ligi.

Rat id-Digriet taghha kif diversament presjeduta tal-20 ta' Novembru 2013 li permezz tal-istess tat lill-partijiet terminu biex jipprezentaw risposta fil-kaz tal-intimati, u d-dokumenti u l-affidavits kollha relattivi, kif ukoll jekk jidhrilhom opportun, nota qasira ta' osservazzjonijiet/referenzi u appuntat ir-rikors ghat-trattazzjoni finali ghat-12 ta' Dicembru 2013.

Rat in-nota responsiva tal-intimata ezekutanti.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' April 2014 fejn din il-Qorti kif diversament presjeduta giet infurmata li ntlaqet it-talba sabiex dawn il-procedimenti jigu trattati minn din il-Qorti kif illum kostitwita billi l-kawza fil-mertu bejn l-istess partijiet bin-numru 391/13 LSO fl-istess ismijiet qieghdha tinstema' quddiem din l-istess Qorti.

Rat il-verbal taghha tas-6 ta' Mejju 2014 fejn iddifferiet ir-rikors ghall-provi tal-partijiet u finali trattazzjoni ghat-3 ta' Gunju 2014.

Rat il-verbal taghha tat-3 ta' Gunju 2014 fejn ghalkemm dehru id-difensuri tal-partijiet, Walter Gialanze ma deherx u ghalhekk ir-rikors gie differit ghall-ahhar darba ghat-3 ta' Lulju 2014.

Rat il-verbal taghha tat-3 ta' Lulju 2014 fejn, meta ssejjah ir-rikors dehru Dr. Chris Busietta u Dr. John Gauci ghas-socjeta` intimata u Dr. Jonathan Abela Fiorentino ghar-rikorrenti ezekutanti. Ordnat l-allegazzjoni tal-atti tal-Mandat ta' Qbid numru 502/2013. Semghet ix-xhieda ta' Walter Gialanze u ta' Marquita Shehain Azzopardi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti, u semghet lid-difensuri tal-partijiet, u ddifferiet ir-rikors ghall-Digriet finali ghat-30 ta' Settembru 2014.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din hija azzjoni istitwita taht l-artikolu 836 (1)(f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi permezz tal-proceduri odjerni, is-socjeta` ezekutata qed titlob ir-revoka ta' Mandat ta' Qbid bin-numru 502/2013 mahrug fl-ismijiet ***"Marquita Shehain Azzopardi (K.I.441377M) vs W.Gees Chemicals***

***Limited* (C12057)"** kif ukoll sabiex tiddikjara li t-talba ghall-hrug ta' dan il-mandat hija malizzjuza, frivola u vessatorja u tikkundanna lir-rikorrenti ezekutanti sabiex thallas penali skont il-ligi. Is-socjeta` rikorrenti tistrieh **fuq l-artikolu 846(3) flimkien mal-artikolu 293(1)(d) tal-kap.12** biex tissorreggi t-talbiet taghha peress li tghid li l-magni maqbuda m'ghandhomx ikunu soggetti ghall-effetti ta' mandat ta' qbid skont il-Ligi billi jintuzaw ghax-xoghol ta' manufattura tas-socjeta`. Ghaldaqstant tissottometti li l-mandat *de quo* m'ghandux jibqa' fis-sehh peress li mhux gustifikat u ragjonevoli *ai termini* tal-artikolu **836(1)(f) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Fir-risposta taghha r-rikorrenti ezekutanti rribattiet li l-artikoli tal-ligi invokati mis-socjeta` rikorrenti mhumiex applikabbli ghall-kaz odjern u, inoltre, billi l-hrug tal-mandat *de quo* ghadu mehtieg biex jikkawtela l-pretensjonijiet taghha.

L-ezekutanti opponiet ghat-talba odjerna wkoll billi tghid li s-socjeta` intimata ma ottemporatx ruhha mad-dettami tal-artikolu 836(2) tal-Kap 12 in kwantu li ma esebiet l-ebda dokument mar-rikors. Ukoll osservat li t-talba ghar-revoka tal-mandat in mertu saret ben seba' xhur wara l-ezekuzzjoni tal-mandat, liema trapass ta' zmien hu bizzejjed biex juri li ma hemm l-ebda raguni li tirrendi l-hrug tal-mandat *de quo* ingustifikat.

L-istess kreditrici issostni li l-artikolu 293(1)(d) tal-kap.12 mhux applikabbli ghall-kaz odjern. *Inoltre* l-artikolu 836(1)(f) ma jistax jigi invokat in kwantu li me kienx hemm tibdil fic-cirkostanzi tad-debitur minn mindu inhareg il-mandat u, fin-nuqqas ta' tali prova hi mhix f'pozizzjoni li tirribatti jew li tressaq provi kuntrarji ghal dak allegat mir-rikorrenti ezekutat. Inoltre hi opponiet ghall-applikazzjoni tal-penali.

**Provi Prodotti**

Jirrizulta mill-atti esebiti li l-Mandat 502/13 inhareg fit-3 ta' April 2013 in kawtela tas-somma ta' tnejn u ghoxrin elf u hames mitt ewro (€22,500) in kawtela ta' pretensjoni ghar-restituzzjoni ta' depozitu imhallsa akkont lis-socjeta` ezekutata. Din is-somma tikkomprendi kwantu ghall-ammont ta' tmintax-il elf ewro (€18000) id-depozitu imhallas u li hu restitwibbli *stante* mankata konsenja ta' merkanzija, u kwantu ghall-erbat elef u hames mitt ewro (€4,500) rapprezentanti penali ghall-konsenja mankata, kollox kif stipulat fi skrittura pattwita bejn il-kontendenti.

Jirrizulta wkoll li hemm proceduri pendenti fil-mertu quddiem din il-Qorti kif attwalment kostitwita fl-istess ismijiet premessi.

Mill-atti tal-mandat jirrizulta li fil-15 ta' April 2013 gew maqbuda xi magni mill-fabbrika tas-socjeta` ezekutata, u li fil-11 ta' Lulju 2013 gie deciz li dawn il-magni jibqghu fuq il-post. Gew ikkonsenjati c-cwievet tal-fabbrika liema gew depozitati taht l-awtorita' ta' din il-Qorti fit-12 ta' Lulju 2013 mill-Marrixxall addett.

**Walter Gialanze,** Direttur tas-socjeta` debtrici xehed b'affidavit kif ukoll *viva voce.* Fl-affidavit tieghu, riferibbilment ghall-fatti rilevanti ghat-talba odjerna, qal li l-kumpanija W. Gees Chemicals Ltd timmanifattura '*detergents u disinfectants* ' u li l-magni maqbuda huma ghodda li jintuzaw fil-produzjoni ta' dawn il-prodotti specifikatament ghax-xoghol ta' manifattura. Qal ukoll li b'konsegwenza ta' dan il-mandat il-kumpanija tinsab impeduta milli tkompli bil-manifattura u negozju. Fil-fatt qal li *"l-produzzjoni ilha wieqfa ghal numru ta' gimghat peress li c-cwievet tal-*

*fabbrika ttiehdu mill-Marixxalli u gew depozitati l-Qorti".* B'konsegwenza ta' dan, kif ikkonferma wkoll fix-xhieda tieghu *viva voce,* tilfu ordnijiet u kellhom iwaqqfu xi haddiema mill-impieg taghhom.[1] Hu cahad li l-fabbrika kienet maghluqa qabel ma gew ikkonsenjati c-cwievet lill-Marixxalli.

Dan gie kontradett minn ***Marquita Sheheain Azzopardi***[2] **li qalet li** fi zmien ta' xi erba' xhur qabel ma nghalqet il-fabbrika, kienet marret fuq il-post f'hinijet differenti u dejjem sabitu maghluq. Lanqas kien hemm haddiema fuq il-post u lanqas kien jidher li kien hemm merkanzija stivata.

## KONSIDERAZZJONIJIET TA' DRITT

Il-kwistjoni bejn il-kontendenti tistrieh fuq zewg konsiderazzjonijiet ta' dritt, u cioe`, jekk l-artikolu 836(1)(f) tal-Kap.12 jista' jigi nvokat fil-kaz odjern, u fit-tieni lok, jekk il-makkinarju in mertu hu kolpit, ossia privileggjat *ai termini* tal-artikolu 293(1)(d) tal-Kap.12. Fil-fehma tal-Qorti, anke jekk il-magni mhumiex ezenti, din il-Qorti tista' tindaga jekk, skont l-artikolu 836(1)(f), huwa ragjonevoli li dan il-mandat jibqa' *in vigore,* billi dan is-subartikolu japplika ghall-mandati validament mahruga u esegwiti.

Tajjeb li din il-Qorti mill-ewwel tippuntwalizza dak li dejjem irritenew il-Qrati taghna, u cioe`, li l-indagni taghha f'dawn il-proceduri hija wahda *prima facie*, li ma tezaminax *in funditus* il-mertu tal-kontroversja bejn il-

[1] Xhieda moghtija fit-3 ta' Lulju 2014

[2] Xhieda moghtija fit-3 ta' Lulju 2014

kontendenti. Anzi m'ghandhiex toltrapassa dak is-soll ghaliex altrimenti tkun fil-periklu li tiddeciedi definitivament kaz li ghadu mhux maturat.

Ukoll f'dawn il-proceduri hija s-socjeta` rrikorrenti li ghandha tipprova "prima facie" li l-att kawtelatorju in kwistjoni m'ghandux jinzamm fis-sehh u dan a bazi ta' dawk ir-ragunijiet li huma specifikati fil-ligi u li gew indikati mir-rikorrenti.

**<u>L- Artikolu 293(1)(d) tal-Kap.12</u>**

Il-Qorti l-ewwel ser tezamina jekk il-magni in mertu huma esenti skont l-artikolu 291(1)(d) tal-Kap.12 kif jippretendi r-rikorrent ezekutat.

Dan is-sub-inciz jghid li mhumiex soggetti ghall-qbid, *inter alia:*

"293(1)(*d*). il-magni u l-*għodda meħtieġa għat-tagħlim jew l-eżerċizzju ta' xi xjenza jew ta' xi arti tad-debitur, tal-mara tiegħu jew tat-tfal tiegħu*;"

Jirrizulta mil-linja decizjonali mehuda mill-Qrati taghna li l-privilegg akkordat mil-legislatur taghna ghandu jinghata interpretazzjoni restrittiva peress li hija eccezzjonali ghar-regola generali li min obbliga ruhu huwa

tenut li jadempixxi l-obbligi tieghu bil-beni tieghu prezenti u futuri.[3] Hekk ukoll l-On. Qorti ta' l-Appell f'sentenza taghha tat-12 ta' Dicembru 1952, fil-kaz fl-ismijiet "***Vincenzo Navarro Cutajar -v- Emmanuela Schembri"*** irriteniet li hu l-obbligu tat-tribunal li japplika l-ligi f'sens letterali b'effett restrittiv specjalment tenut kont tal-*iter* legali.

Kif gie deciz minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kawza "***Azzopardi vs Spiteri"***, deciza fis-7 ta' Marzu 1951, *"il-kelma "arti" uzata fil-ligi ma tikkomprendix biss l-arti liberali u dawk li jissejhu "belle arti", imma anke l-arti mekkanici u industrijali, u ghalhekk, hu protett b'dik id-dispozizzjoni tant l-"artista" kemm "l-artigjan"".* L-oggetti eskluzi jridu jkunu, skont ma qalet l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza "***Serra vs Grech"***, deciza fit-12 ta' Dicembru 1938, mhux biss konnessi man-negozju tad-debitur, izda jridu jkunu mezzi indispensabbli ghall-ghajxien tad-debitur. *A bazi* ta' dawn il-principji, l-istess Onorabbli Qorti tal-Kummerc b'sentenza moghtija fil-11 ta' April, 1986, fil-kawza ***"Scicluna vs Valenzia",*** kienet iddecidiet li l-ghodda ta' mastrudaxxa ma jistghux jinqabdu.

Tajjeb li jigi osservat li l-artikolu 293 gie sostitwit *in toto* bl-Att XII tas-sena 2009 izda d-dicitura ma ntmissitx.

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, l-kliem *"xjenza jew arti",* ma jistghux jikkomprendu attivita' imprenditorjali. F'dan is-sens taghmel taghha l-interpretazzjoni moghtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz:

[3] Ara ***Sciberras v Pace Balzan et.*** Kollezz XVI.III.39

"*Illi ghalhekk il-konkluzzjoni logika tal-istess interprettazzjoni hija li dak li qed jigi protett huma dawk l-oggetti necessarji ghall-istruzzjoni u ezercizzju tax-xjenza u arti u mhux l-ghodda anke jekk necessarji ghax-xoghol u ghall-ezercizzju tal-kummerc jew attivita' kummercjali tad-debitur,"* f'dan il-kaz kumpanija li hija involuta f'xoghol jew produzzjoni tal-prodotti kimici jew accessorju ghall-tali attivita`.[4]

**Artikolu 836(1)(f)**

Illi s-socjeta` rikorrenti qed ticcita wkoll l-artikou 836(1)(f) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi hekk**:**

*"jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli"*.

Qabel xejn jirrizulta lill-Qorti mill-atti li l-intimata kellha *prima facie* l-pretensjoni u l-kawzali legali li abbazi taghha talbet il-hrug tal-mandat kawtelatorju in mertu.

Jidher li t-talba odjerna tinbena fuq il-fatt li s-socjeta' eżekutata tqis li l-Mandat qabad makkinarju li huwa meħtieġ għan-negozju taghha. F'dan il-kuntest jingħad li jekk 'il quddiem, il-Qorti, meta tqis il-kwestjoni fil-mertu, tasal għall-fehma li l-eżekutanti m'għandhiex jedd għall-ħlas jew likwidazzjoni fl-ammont minnha pretiż, xorta waħda ma jistax jingħad b'hekk biss li l-mandat ma kienx ġustifikat. Is-suċċess jew telfien ta'

[4] Digriet tat-12 ta' Lulju 2001 PA(RCP) fl-ismijiet "***Attard Blue Mix Concrete Supplies Company Limited vs Pilastri Construction Limited"***

kwestjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nħareġ b'mod vessatorju jew fieragħ"[5].

Is-socjeta` rikorrenti odjerna tissottometti li dan is-subartikolu, kontrarjament ghall-interpretazzjoni kostanti moghtija mill-Qrati taghna, ma japplikax biss jekk isehh xi zvilupp wara li jigi pprezentat l-att kawtelatorju. In sostenn tat-tezi taghha esebiet b'nota kopja ta' Digriet ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz fl-ismijiet "***Electro Fix Limited v Electro Fix Energy Limited"*** *(*PA(AE) - dec. fis-27 ta' Marzu 2013). F'dak id-digriet il-Qorti rriteniet hekk:

"*Ghalkemm hemm provvedimenti tal-Qrati li jghidu li l-paragrafu (f) tal-Artikolu 836(1) japplika jekk isehh xi zvilupp wara li jigi pprezentat l-att kawtelatorju, din il-Qorti m'hiex daqstant konvinta li dan hu l-kaz fir-rigward ta' dik il-parti tal-provvediment li taqra' 'jekk jintwera li fic-cirkoztanzi ma jkunx ragjonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju".* Il-Qorti rragunat li *"l-mandat ta' sekwestru normalment jinhargu minghajr indagni u ghalhekk dan il-provvediment jaghmel sens in kwantu li jaghti l-opportunita' li l-Qorti tara li jekk fil-kaz partikoli li jkollha quddiemha huwiex ragjonevoli li l-mandat jinzamm fis-sehh."*

Dan il-hsieb hu kungtrarju ghal dak li gie kostantament ritenut mill-Qrati taghna. Ad ezempju, din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz "***Spiteri v Darmanin "*** - (PA(JRM) dec. fil-25 ta' Awwissu 2010 ma hallietx dubju dwar l-interpretazzjoni korretta ta' dan is-subartikolu u rritieniet: *"Illi jingħad ukoll li d-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li,* ***wara l-ħruġ tal-Mandat,*** *tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma*

[5] Ara, per eżempju, PA JSP **10.1.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Camilleri*** u P.A. RCP **30.5.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Yorkie Clothing Industry Limited vs Dr Lilian Calleja Cremona***

*jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ*[6]*. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ*;"

Il-Qorti taqbel ma' din l-ahhar interpretazzjoni. Effettivament ghandu jirrizulta lill-Qorti li kien hemm xi tibdil fic-cirkostanzi sabiex twassalha biex tiddeciedi li mandat li kien ragjonevoli *ab inizio*, jew gustifikabbli, issa m'ghadux. Hekk tinqara din id-disposizzjoni u ma tispettax lill-Qorti li taghmilha ta' legislatur u tbiddel it-tifsira naturali tal-kliem tad-disposizzjoni imsemmija. Tajjeb li tfakkar dak li gie korrettement osservat il-Qorti fil-kaz "***Mangion Galea v Stewart"*** (PA (JRM) - dec. fid-29 ta' Lulju 2005), "*Illi wiehed ghandu jqis ukoll li, qabel dahlu fis-sehh il-bidliet fil-ligi procedurali fl-1995, ma kien moghti l-ebda rimedju bhal dak mitlub illum mir-rikorrent ghat-tnehhija ta' Mandat, sakemm kien ikun gie mistharreg il-mertu tal-kwestjoni".*

Sabiex issir din l-analiżi wieħed irid iqis jekk mid-data tal-ħruġ tal-mandat għadhomx jissussistu l-kundizzjonijiet għall-ħruġ tal-Mandat;

Illi il-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' mandat huma s-segwenti:

*"Il-ħtiġijiet tal-liġi proċedurali titlob sabiex persuna tista' toħroġ Mandat kawtelatorju huma li (a) jkollha pretensjoni ta' dritt kontra l-persuna li dwarha jinħareġ il-Mandat; (b) li ssir kawża li fiha tiġi mistħarrġa sewwasew dik il-pretensjoni ta' dritt; (ċ) li l-Mandat irid ikun iħares ir-*

[6] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***"Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri et noe et"***

*rekwiżiti mitluba mil-liġi dwar il-ħruġ tiegħu u (d) li tali Mandat jinħareġ u jiġi esegwit taħt ir-responsabbiltá tal-persuna li tkun talbitu"*;

Dawn ic-cirkostanzi kollha baqghu fis-sehh u r-rikorrent ma irnexxielux jipprova a soddisfazzjon tal-Qorti li kien hemm tibdil sostanzjali fic-cirkostanzi tieghu.

Ir-rikorrent jilmenta li minhabba l-esekuzzjoni tal-mandat fuq il-magni maqbuda, ma jistax jkompli bin-negozju tieghu. Effettivament qed jghid li l-mandat ma kellux jigi esegwit fuq il-magni tieghu - punt li din il-Qorti gja indirizzat u skartat. Izda aparti dan, il-Qorti mhiex konvinta li dak li qal Walter Gialanze hu minnu. Jirrizulta min-nota tal-Marixxall li sabet il-fabbrika maghluqa meta marret fuq il-post. L-istess kreditrici kellha taghmel rikors ghall-isgass peress li l-Marixxall ma kienx qed jirnexxielu jesegwixxi l-mandat minhabba li l-post kien maghluq.

Ukoll s-socjeta` rikorrenti naqqset li tipprova li x-xoghol tal-fabbrika tiddependi mid-disponibbilta` tal-magni maqbuda (mhux elevati) u cioe`, li ma hemmx magni ohra li jistghu jintuzaw jew li sahansitra kien hemm xoghol u ordnijiet pendenti.

Walter Gialanze xehed li tilfu l-ordnijiet minhabba li l-fabbrika inghalqet, izda sorprendentement ma resaaq l-ebda prova dwar ordnijiet pendenti jew frustrati, jew prova dwar attivita' kummercjali kontinwa (ad.ez. *audited accounts,* kopji ta' ordnijiet, *statements* bankarji). Ir-rikorrenti ezekutanti xehdet li ghaddiet kemm-il darba fuq il-post tal-fabbrika u sabitu maghluq u li l-post kien vojt u minghajr haddiema. Is-socjeta` rikorrenti ma ressqet l-ebda prova biex tirribatti dawn l-allegazzjonijiet. Skont Walter Gialanze, in-negozju in mertu sar ma' ibnu Terence Gialanze li *"jinsab mahrub minn Malta"*[7], liema sitwazzjoni pjuttost juri li s-socjeta` kummercjali sabet ruhha f'sitwazzjoni xejn felici. Anzi kif osservat tajjeb l-ezekutanti fin-nota risponsiva taghha, it-trapass ta'

[7] Ara stqarrija maghmula minnu rizultanti mir-rapport tal-Marixxall Carmen Pisani.

zmien bejn il-hrug tal-mandat u r-rikors odjern jikkorrobora t-tezi taghha li l-fabbrika waqfet tahdem qabel il-hrug tal-mandat.

Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li s-socjeta` rikorrenti ma rnexxiliex tipprova a soddisfazzjon tal-Qorti li t-talbiet taghha ghandhom jigu akkolti.

**Talba ghall-Hrug ta' Penali**

Illi dwar it-talba ghall-hlas tal-penali *ai termini* tal-**artikolu 836 (8) tal-Kap 12** din hija sanzjoni fakoltattiva. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' tikkundanna lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persun b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultattiva, irid jintwera għas-soddisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi mposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi.[8] F'dan il-każ, is-socjeta` rikorrenti tindika l-artikolu 836(8)(d) u tghid li l-Mandat inħareġ b'ħażen u b'mod fieragħ u abbużiv;

Illi l-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula jimmilitaw kontra l-akkoljiment ta' din it-talba. Anzi t-talba tirrizulta infondata in kwantu li l-mandat inhareg fuq jedd li kien jezisti *prima facie*. Ma ngabu l-ebda provi dwar il-likwidita' tas-socjeta` rikorrenti u certament ma ngabux provi li l-allegazzjoni tal-intimata hija malizzjuza frivola u vessatorja. Anzi jirrizulta proprju l-kuntrarju.

## III. KONKLUZZJONI.

[88] Ara P.A. TM **13.3.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd***

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi filwaqt li **tilqa'** r-risposta tal-intimata ezekutanti Marquita Shehain Azzopardi **Tichad** it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti odjerna *stante* li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi.

Bl-ispejjez kollha ta' din il-procedura a karigu tal-istess socjeta` rikorrenti.

**Moqri.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------